MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Numru. 485/2015

**Il-Pulizija**

**(Spetturi James Grech u Fabian Fleri)**

**vs**

**Dejan Petkovic**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Dejan Petkovic** detentur ta′ Passaport maħruġ mir-Repubblika Serba bin-numru

011827405 u li ġie mixli talli fit-13 ta' Jannar 2015 għal-ħabta tas-1:30 hrs u l-5:30am ġewwa l-Qawra u / jew f'partijiet oħra f'dawn il-Gżejjer:-

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti, u/jew oġġetti oħra ġewwa Melita Gardens Cafeteria and Pizzeria sitwat ġewwa Triq il-Qawra, l-Qawra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-€2329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Vascal Company Limited, Sweepstake Limited, BG Vending Machines, British American Tobacco Malta, u/jew persuni jew entita'/jiet oħra;
2. u aktar talli fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hija ta' iktar minn €2500 għad-dannu ta' Vascal Company Limited, British American Tobacco Malta u/jew persuna/i/ u/jew entita/jiet oħra.
3. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tat-12 ta' Ġunju 2015 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament tagħhom;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tisma' l-provi f'dan il-każ u tirċievi d-dokumenti prodotti;

Rat li matul is-seduta tad-29 ta' Lulju 2015, l-Uffiċjali Prosekuturi ddikjaraw li t-tieni imputazzjoni kienet qed tiġi kontestata lill-imputat bħala l-mezz għall-fini tas-serq.

L-imputat, kif debitament assistit mill-Avukat Dottor Martin Fenech, fid-dawl ta' din l-istqarrija, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija kif ukoll pieni pekunjarji jew pieni alternattivi u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti rat li fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, kif ukoll li dan sar fil-parametri tal-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, din l-istess Qorti, wara li kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura

Kriminali tqis li ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-imputat ammetta inkondizzjonatament għall-imputazzjonijiet kontestati lilu. Iżda din il-Qorti ma tistax tqis din l-ammissjoni bħala xi waħda bikrija. Mill-banda l-oħra, stante l-ammissjoni tiegħu fi stadju relattivament bikri, l-istess Qorti kienet propensa li tinfliġġi piena qrib tal-minimum permissibbli bil-Liġi.

# DECIDE

li, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, qegħda ssib lil Dejan PETKOVIC, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278, 279(b), 280, 281, 325(1)(a) u 533 tal-Kodici Kriminali qieghda tikkundannah għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija.

Oltre minn hekk il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali qegħda tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas lir-Reġistratur, l-ispejjeż kollha li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti u periti f’dan il-każ,

inkluż fl-istadju tal-inkjesta Maġisterjali f'ammont ta' mhux anqas minn elf u sitta u ħamsin euro (€1056.04) (kwantu għal €420.55 ħlas ta' Dr. Martin Bajada; €112.86 ħlas ta' PS1184; €50.63 ħlas ta' PS385; u €472 ħlas ta' Dottoressa Marisa Cassar) u dan minbarra l-ħlas dovut għar-relazzjoni ta' Dottor Paul Borg Olivier (li r-Reġistratur irid jiddikjara kemm hi stante li mir-relazzjoni relattiva fil-Proċess Verbal ma jirriżultawx kemm kienu l-ispejjeż relattivi għal din ir-relazzjoni). Oltre minn hekk tordna r-rilaxx ta' dik il-parti tar-*res furtiva* a favur tad-derubati u li tinsab fil-kustodja tal-Pulizija.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol skont il-Liġi.

***Mogħtija illum id-29 ta' Lulju 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------